MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' April, 2005

Numru 45/2005

Il-Pulizija
(Sp Frans Micallef)
vs
Simon Bartolo, iben Joseph,
imwieled Pieta' fis-6 ta'
jannar, 1969

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli fil-5 ta' mejju, 2004 f'tal-Pieta' kkometta serq ta' vettura tal-marka Austin Mini, bin-numru tar-reġistrazzjoni LAI 975, liema serq hu kkwalifikat bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur, liema valur hu ta' aktar minn Lm100 iżda anqas minn Lm1,000;
2. talli fl-istess data u\jew matul ix-xhur ta' wara din id-data xjentement laqgħa għandu jew xtara ħwejjeġ

misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indaħal sabiex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ april, 2005 fejn l-imputat ammetta l-ewwel akkuża miġjab kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ april, 2005 fejn il-parte ċivile nfurmat il-Qorti li ma għandħiex aktar interess fil-kawża. Il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li l-imputat ikkolabora mal-pulizija.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn din l-akkuża. Issib lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien disa’ xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------